



Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10167/19

ECOFIN 622
UEM 225
SOC 474
EMPL 363
COMPET 503
EDUC 309
ENV 594
RECH 342
ENER 346
JAI 704
FSTR 125
REGIO 161

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9938/19 - COM(2019) 514 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 tal-Latvja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 514 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Latvja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Latvja għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil-Latvja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess jum, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³ ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") li tistabbilixxi ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ("ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Latvja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) ta' hawn taħt. B'mod partikolari, l-iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-oqsma speċifikati u l-miżuri għat-titjib tal-ħiliet ser jgħinu biex jindirizzaw l-ewwel rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro rigward it-titjib tal-produttività għar-riekwilibriju fiż-żona tal-euro u l-miżuri tat-taxxa ser jgħinu biex jindirizzaw it-tielet rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro rigward il-funzjonament tas-suq tax-xogħol.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

³ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

- (3) Ir-rapport tal-2019 speċifiku għal-Latvja ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Dan ivvaluta l-progress tal-Latvja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018⁴, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Latvja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.
- (4) Il-Latvja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2019 fil-15 ta' April 2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2019 fis-17 ta' April 2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li huma rilevanti ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdi dettalji addizzjonali dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

⁴ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 60.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (6) Il-Latvja bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019, il-gvern qiegħed jippjana li jikseb bilanċ nominali, minn defiċit ta' 1,0 % tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) fl-2018 għal defiċit ta' 0,5 % tal-PDG fl-2019 u 0,4 % tal-PDG fl-2020 u 0,2 % tal-PDG fl-2021. Fuq il-bażi tal-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid⁶, l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju, stabbilit f'defiċit ta' 1 % tal-PDG f'termini strutturali, huwa mistenni jintlaħaq fl-2019, b'kont meħud tad-devjazzjoni temporanja approvata b'rabta mal-konċessjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali. Skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019, id-dejn tal-gvern ġenerali b'ħala proporzjon tal-PDG mistenni jinżel għal 33,1 % tal-PDG sal-2022. Il-projezzjonijiet tat-tkabbir tal-PDG skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 jidher li huma plawżibbli. Ir-riskji għall-pożizzjoni baġitarja huma b'bilanċjati.

⁶ Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għall-miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

- (7) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda li l-Latvja tilħaq l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju tagħha fl-2019, b'kont meħud tad-devjazzjoni temporanja approvata b'rabta mal-konċessjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali. Dan huwa konformi ma' rata ta' tkabbir nominali massima tan-nefqa tal-gvern primarja netta⁷ ta' 4,8 % fl-2019, li tikkorrispondi għal titjib tal-bilanċ strutturali ta' 0,2 % tal-PDG. Fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa għall-2019, il-Latvja mistennija tkun qrib l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju tagħha, b'kont meħud tad-devjazzjoni temporanja approvata b'rabta mal-konċessjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali. Għaldaqstant, il-valutazzjoni attwali tindika riskju ta' xi devjazzjoni fl-2019. Fl-istess ħin, ir-rata ta' tkabbir nominali mbassra tan-nefqa tal-gvern primarja netta attwalment tindika riskju li fl-2019 ikun hemm devjazzjoni sinifikanti mir-reqwizit. Jekk ma jibqax previst li l-bilanċ strutturali se jkun qrib l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju, filwaqt li titqies id-devjazzjoni temporanja approvata b'rabta mal-konċessjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, valutazzjoni globali fil-kuntest tal-valutazzjonijiet futuri jkollha bżonn tqis devjazzjoni possibbli mir-reqwizit.

⁷ In-nefqa primarja nett tal-gvern hi magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa marbuta mal-imgħax, in-nefqa marbuta mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fin-nefqa marbuta mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

- (8) Fl-2020, b'kunsiderazzjoni tal-marġni ta' 1,3 % tal-potenzjal tal-produzzjoni mbassar għal-Latvja, jenħtieġ li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa tal-gvern primarja netta ma taqbiżx it-3,5 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,5 % tal-PDG skont il-matriċi tal-aġġustament maqbula b'mod komuni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa għall-2019, jekk il-politiki tagħha ma jinbidlux, il-Latvja mistennija tkun qrib l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju tagħha. Għaldaqstant, il-valutazzjoni attwali tindika riskju ta' xi devjazzjoni fl-2020. Fl-istess ħin, ir-rata ta' tkabbir nominali mbassra tan-nefqa tal-gvern primarja netta attwalment tindika riskju li fl-2020 ikun hemm devjazzjoni sinifikanti mir-rekwiżit. Jekk ma jibqax previst li l-bilanċ strutturali se jkun qrib l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju, valutazzjoni globali fil-kuntest tal-valutazzjonijiet futuri jkollha bżonn tqis devjazzjoni possibbli mir-rekwiżit. Kolloxx ma' kolloxx, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-Latvja trid tkun lesta biex mill-2019 tieħu miżuri addizzjonali biex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (9) Id-dħul mit-taxxa bħala sehem mill-prodott domestiku gross tal-Latvja huwa baxx meta mqabbel mal-medja fl-Unjoni u sa ċertu punt jillimita l-għoti ta' servizzi pubbliċi, b'mod partikolari l-kura tas-saħħa u l-inklużjoni soċjali. Il-kapital u l-proprjetà huma relattivament sottotaxxati u l-iffriżar tal-valuri użati għall-kalkolu tat-taxxi fuq l-art u l-proprjetà se jkompli jnaqqas id-dħul korrispondenti. Fl-istess ħin, il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol għadu għoli għall-ħaddiema b'paga baxxa meta mqabbel mal-medja fl-Unjoni, minkejja li dan naqas. Skont estimi differenti, is-sehem tal-ekonomija sotterranja jidher li naqas f'dawn l-aħħar snin. Minkejja dan, is-sehem tal-attività ekonomika sotterrapportata fil-Latvja għadu ogħla minn fi Stati Baltiċi oħra. B'mod partikolari, is-sotterrapportar tas-salarji ("ħlas fl-idejn"), partikolarment fis-settur tal-kostruzzjoni, jammonta għal parti kbira mill-ekonomija sotterranja.

- (10) Wara l-għeluq tat-tielet l-ikbar bank minħabba allegazzjonijiet ta' ħasil tal-flus, il-Latvja ssikkat ir-regolazzjoni b'rabta mal-klijenti li mhumex residenti. B'riżultat ta' dan, id-depożiti ta' dawk li mhumex residenti, li jirrappreżentaw is-sors ewlieni għar-riskju tal-ħasil tal-flus fil-Latvja, naqsu b'mod sinifikanti sa minn Mejju 2018, iżda għad fadal sfidi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Barra minn hekk, il-Latvja fasslet pjan ta' azzjoni dettaljat biex ittejjeb l-istrateġija tagħha kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-prijoritajiet ewlenin elenkati fil-pjan ta' azzjoni jinkludu żieda fis-superviżjoni fuq il-bażi tar-riskji, il-garanzija tar-riżorsi umani meħtieġa għall-awtoritajiet superviżorji, u l-garanzija tal-iskambju tal-informazzjoni effettiv u l-kollaborazzjoni fost l-awtoritajiet investigattivi kif ukoll mas-settur privat. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni lill-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri, ladarba jiġu adottati. Finalment, hemm bżonn li tiżdied ukoll il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji.
- (11) Fl-implimentazzjoni ta' diversi prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fir-rigward tal-protezzjoni soċjali u tal-inklużjoni soċjali, il-Latvja qed tiffaċċja sfidi. Fil-Latvja l-inugwaljanza fl-introjt u hija għolja, peress li r-ridistribuzzjoni permezz tas-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa hija baxxa. L-adekwatezza tal-benefiċċji soċjali għadha baxxa u l-impatt tat-trasferimenti soċjali biex jitnaqqsu l-faqar u l-inugwaljanza huwa limitat. Ir-riskju tal-faqar fost l-anzjani u persuni b'diżabbiltà huwa relattivament għoli u qed jiżdied minħabba li l-benefiċċji mhux qed ilaħħqu maż-żieda fil-pagi. Ir-rata ta' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għall-anzjani kienet ta' 49,0 % fl-2018 (il-medja tal-Unjoni: 18,2 % fl-2017) u għal persuni b'diżabbiltà 40,7 % fl-2017, (il-medja tal-Unjoni: 29,3 % fl-2017). Il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali mill-Istat għall-persuni b'diżabbiltà u għall-pensjonijiet tal-irtirar minimi ilhom ma jiġu riveduti mill-2006. Ir-riforma tal-introjt minimu, imħabbra fl-2014, ma ġiet implimentata u dan qed jaffettwa b'mod negattiv lill-unitajiet domestiċi l-iktar foqra. Għadu dgħajjed ukoll l-aċċess għall-kura fit-tul. Għaldaqstant, huwa meħtieġ investiment biex tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali, inkluż permezz tal-ikel u tal-ġajjn materjali għal dawk l-iktar fil-bżonn. Barra minn hekk, huma meħtieġa investimenti, fosthom fl-infrastruttura, biex jittejjeb l-aċċess għat-tħaris tat-tfal, għall-kura fit-tul, għall-impjieg u għas-servizzi soċjali l-oħra, u biex tkun possibbli l-integrazzjoni tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, inkluż it-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal waħda komunitarja. Is-sehem ta' persuni li qed jiffaċċjaw privazzjoni severa ta' abitazzjoni huwa fost l-oġġla fl-Ewropa (15,2 % versus 4,0 % bħala medja fl-Unjoni fl-2017) u hemm skarsezza ta' akkomodazzjoni soċjali. Jeħtieġ isir investiment biex tittejjeb il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli.

- (12) Filwaqt li r-rati ta' impjieg globali huma għoljin u qed jiżdiedu, l-iżviluppi demografiċi żvantaġġu u l-emigrazzjoni qed ikollhom effett negattiv fuq in-numru ta' persuni impjegati. Barra minn hekk, l-impjieg ivarja skont ir-reġjun u l-livell tal-ħiliet. Il-persuni kbar fl-età li għandhom ħiliet antikwati jiffaċċjaw iktar diffikultajiet. Il-livell baxx ta' ħiliet diġitali fost il-forza tax-xogħol jillimita l-użu tat-teknoloġiji diġitali min-negozji kif ukoll il-potenzjal ta' innovazzjoni. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim u l-involvement tal-qiegħda f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol huma iktar baxxi mill-medja fl-Unjoni.
- (13) Is-sistema edukattiva qed tiffaċċja l-isfida li tikkonsolida r-riżorsi filwaqt li ttejjeb il-kwalità u l-effiċjenza. Filwaqt li s-sistema edukattiva tal-Latvja sejra tajjeb f'dak li għandu x'jaqsam mal-eżiti tat-tagħlim, l-aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità għadu jiddependi fuq il-post ta' residenza u t-tip ta' skola. Ir-riforma tal-kurrikulu tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, bil-għan li jiġi allinjat mar-rekwiżiti l-ġodda tal-ħiliet, avvanzat u l-ambjent tal-iskejjel vokazzjonali ttejjeb b'mod sinifikanti. Madankollu, l-attrattività għadha baxxa, u r-rati tar-reġistrazzjoni u r-rata tal-impjieg fost gradwati reċenti għadhom taħt il-medja fl-Unjoni.
- (14) L-iżgurar tal-offerta tal-ħiliet huwa wieħed mill-oqsma ewlenin fejn id-domanda ta' investiment għadha sinifikanti. Huma meħtieġa investimenti adattati, anki fl-infrastruttura, biex jitjiebu l-kwalità, l-effettività u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u għall-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja, partikolarment opportunitajiet flessibbli ta' taħriġ ta' aġġornament u taħriġ mill-ġdid. Hemm bżonn ukoll ta' investiment biex jitjieb l-aċċess għall-impjieg, inkluż billi jitjiebu s-sensibilizzazzjoni u l-kopertura tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, u billi jissaħħu l-possibbiltà ta' impjieg tal-manodopera kif ukoll il-mobbiltà settorjali u reġjonali tal-forza tax-xogħol. F'kuntast usa', it-tiżiħ tal-kapaċità tas-sħab soċjali huwa importanti biex jiġu promossi l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u biex jiġi rrealizzat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

- (15) In-nefqa pubblika baxxa fuq il-kura tas-saħħa u stil ta' ħajja li huwa ħażin għas-saħħa huma raġunijiet ewlenin għar-riżultati ħżiena tal-popolazzjoni fil-qasam tas-saħħa. Il-finanzjament tal-kura tas-saħħa li riċentement żdied jindirizza xi restrizzjonijiet għall-aċċess li huma marbuta mal-limiti annwali tas-servizz u maż-żminijiet twal ta' stennija. Madankollu, il-finanzjament pubbliku tal-kura tas-saħħa għadu ferm iktar baxx mill-medja fl-Unjoni. L-aċċess fil-ħin u ugwali għall-kura tas-saħħa huwa limitat. Dan iwassal għal dak li huwa, kif irrapportat min-nies stess, b'żonn kbir ta' kura li mhuwiex kopert minħabba livell għoli ta' ħlas mill-but, speċjalment fost il-gruppi vulnerabbli, kif ukoll inugwaljanza tal-opportunitajiet. Qed isir progress rigward ir-riformi biex tiżdied l-effiċjenza u l-kwalità fil-kura tas-saħħa, iżda għadhom f'fażi bikrija u jenħtieġ li jiġihaffef il-pass, inkluż b'miżuri effettivi tal-prevenzjoni, bir-razzjonalizzazzjoni tas-settur tal-isptarijiet, bit-tisħiħ tal-kura tas-saħħa primarja u b'immaniġġjar tal-kwalità mmirat. Barra minn hekk, il-Latvja nieqsa minn forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa, speċjalment fejn jidħlu infermiera, u dan qed ifixkel il-forniment tal-kura tas-saħħa pubblika u jirrappreżenta riskji għas-suċċess tar-riformi fis-saħħa. Jekk tidħol fis-seħħ id-diviżjoni tas-servizzi tas-saħħa f'żewġ tipi ta' pakketti (pakkett sħiħ u pakkett minimu), din ikollha r-riskju li tkompli tillimita l-aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u twassal għal riżultati negattivi fil-qasam tas-saħħa. Sabiex jiżdiedu l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità tal-kura tas-saħħa u b'hekk titjieb is-saħħa tal-popolazzjoni kif ukoll tiġi ggarantita ħajja tax-xogħol iktar b'saħħitha u itwal, huma meħtieġa investimenti adattati fil-kura tas-saħħa, fosthom fl-infrastruttura.
- (16) Il-Latvja ftit tinvesti fir-riċerka u żvilupp u fl-innovazzjoni għandha diskrepanza kbira fl-investment. Fl-2017, is-sehem tan-nefqa tal-Latvja fuq ir-riċerka u żvilupp kien fost l-iktar baxxi fl-Unjoni u pjuttost kien stabbli f'dawn l-aħħar għaxar snin. Barra minn hekk, il-finanzjament tar-riċerka jiddependi kważi għalkollox fuq fondi tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan, il-Latvja hija innovatur moderat b'xi punti b'saħħithom, bħall-infrastruttura tagħha tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni u tat-teknoloġija, iżda l-prestazzjoni tagħha taqa' lura fejn jidħlu r-riżorsi umani, il-kooperazzjoni bejn is-settur privat u pubbliku, kif ukoll l-investment fil-proprjetà intellettuali.

- (17) Għad fadal ukoll diskrepanzi kbar fl-investment biex jiġu indirizzati d-differenzi reġjonali. Għadhom jeżistu differenzi ekonomiċi sinifikanti bejn Riga u r-reġjuni l-oħra tal-Latvja. Filwaqt li l-Latvja b'mod globali qed tikkonverġi mal-Unjoni, id-diskrepanza fil-prestazzjoni ekonomika bejn ir-reġjun kapitali u r-reġjuni l-oħra għadha ma ċkinitx wara l-ađeżjoni tal-Latvja mal-Unjoni. Il-kompetittività u l-kwalità tas-servizz pubbliku tiddistingwi ruħha b'mod konsiderevoli fost ir-reġjuni Latvjani differenti, u dan jinfluwenza l-attrattività territorjali tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-investment jindirizza differenzi reġjonali sinifikanti fir-rigward tal-mobbiltà u tal-infrastruttura diġitali, b'mod partikolari l-konnessjonijiet taċ-ċirkwit lokali. Il-lakuni fil-konnettività man-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport u mar-reġjuni periferali u tal-fruntiera għadhom kbar, u dan qed ikollu impatt negattiv fuq l-attivitajiet ekonomiċi u fuq l-esportazzjonijiet tal-Latvja. Jeżistu wkoll diskrepanzi fl-investment biex jitlesta l-proġett Rail Baltica u l-proġetti ewlenin tal-infrastruttura għall-enerġija elettrika li jagħmlu parti mill-pjan ta' interkonnessjoni tas-suq tal-enerġija tal-Baltiku. Barra minn hekk, huwa meħtieġ ukoll l-investment fl-effiċjenza fir-riżorsi biex it-tranżizzjoni enerġetika tal-Latvja ssir iktar malajr. Hemm bżonn isiru iktar sforzi biex titjieb l-effiċjenza enerġetika globali, b'mod partikolari fis-settur residenzjali u tat-trasport.
- (18) L-adozzjoni reċenti tal-liġi dwar l-informaturi timmarka pass pożittiv u l-korp tal-pajjiż kontra l-korruzzjoni wkoll irnexxielu jirranka dan l-aħħar, u kixef għadd ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' profil għoli. Madankollu, għad hemm il-perċezzjoni li t-teħid tad-deċiżjonijiet mill-gvern jiġi influwenzat minn favoritiżmu u li l-proċess tal-akkwist pubbliku huwa suxxettibbli għall-korruzzjoni minħabba nuqqas ta' trasparenza, b'mod partikolari f'muniċipalitajiet u f'impriżi muniċipali u tal-Istat. L-emendi fil-Liġi tal-Kompetizzjoni li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020, ser jillimitaw il-kapaċità tal-intrapriżi statali u muniċipali li bl-attivitajiet tagħhom jaffettwaw il-kompetizzjoni b'mod negattiv. L-emendi leġiżlattivi fis-sistema għat-trattament tal-kunflitti ta' interess jistgħu jagħtu lok għal abbużi. Il-Kodiċi tal-Etika li ġie adottat riċentement ma jkoprix il-persuni maħtura politikament.

- (19) Is-servizzi pubbliċi ma ġewx aġġustati għall-popolazzjoni li qed tiċkien u tixji. Minħabba l-popolazzjoni li qed tiċkien u l-urbanizzazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi mhux qed jintużaw biżżejjed fiż-żoni rurali. L-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa jeħtieġu strateġiji għall-preservazzjoni tal-aċċess għal servizzi ta' kwalità f'żoni b'popolazzjoni baxxa u li huma milquta mid-depopolazzjoni, filwaqt li jiżguraw effiċjenza oġġetiva. Riċentement tħabbret riforma ġenerali tat-territorji amministrattivi, li għandha tiġi implimentata sa Diċembru 2021. Implimentazzjoni fil-ħin ta' din ir-riforma tista' tikkontribwixxi għal żieda fil-kontabbiltà u fl-effiċjenza tas-settur pubbliku, iktar u iktar fid-dawl tal-programm operazzjonali għall-fondi tal-Unjoni, li jrid jiġi approvat sal-2020.
- (20) L-ipprogrammar tal-Fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż tal-2019. B'hekk il-Latvja tkun tista' tagħmel l-aħjar użu minn dawn il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, b'kont meħud tad-differenzi reġjonali. It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiż għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi huwa fattur importanti għas-suċċess ta' dan l-investment.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għall-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Latvja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Latvja fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Italja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 u l-opinjoni tiegħu⁸ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

⁸ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2019 u fl-2020 il-Latvja tieħu azzjoni biex:

1. Tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa tal-gvern primarja netta ma teċċedix it-3,5 % fl-2020, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG. Tnaqqas it-tassazzjoni għal dawk bi dħul baxx billi timpostaha fuq sorsi oħra, partikolarment il-kapital u l-proprjetà, u billi ttejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa. Tiżgura s-superviżjoni effettiva u l-infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus.
2. Tindirizza l-esklużjoni soċjali, partikolarment billi ttejjeb l-adegwatezza tal-benefiċċji għall-introjtu minimu, tal-pensjonijiet tal-irtirar minimi u tal-appoġġ għall-introjtu għal persuni b'diżabbiltà. Iżżid il-kwalità u l-effiċjenza tal-edukazzjoni u tat-taħriġ b'mod partikolari tal-ħaddiema bi ftit kwalifiki u tal-persuni li qed ifittxu impjieg, inkluż billi ssaħħaħ il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u fit-tagħlim għall-adulti. Iżżid l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa.
3. Tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-innovazzjoni, il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli, it-trasport, b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà tiegħu, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-effiċjenza enerġetika, l-interkonnessjoni tal-enerġija u fuq l-infrastruttura diġitali, filwaqt li tqis id-differenzi reġjonali.
4. Iżżid il-kontabbiltà u l-effiċjenza tas-settur pubbliku, b'mod partikolari rigward l-awtoritajiet lokali u l-impriżi municiċipali u tal-Istat u ssaħħaħ is-sistema għat-trattament tal-kunflitti ta' interess.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
